# Il-Karba taż-Żnuber

Jos. F. Cachia

X'qatt għammiltlek biex dejjaqtek?
X'qatt għammiltlek jien ħlief ġid?
Qatt kont taf jien kemm rejjaqtek,
b'dak l-ossiġnu li tant trid?

Naħseb taf li jien delliltek
Meta x-xemx qliet kullimkien
U b'xuxiti jien kennintlek
Ħafna ħlejjaq tul iż-żmien.

Fuq iz-zokk flimkien mal-frieghi
Ġew l-għasafar għall-mistrieħ
Bejtiet għamlu, rabtu miegħi
jafu jien kemm nilqa' r-riħ.

U b'għeruqi t-torba żammet
Meta l-wied bix-xita far,
l-ilma użajtu, jien saqqejt
biex l-Imgiebaħ dejjem ħdar.

La il-Mislem, la il-Franċiż
l-ebda flien t'Invażur.
la it-Taljan, la il-Ġermaniż
ħadd m'għamilli l-ebda ksur

Imbagħad ġejt inti Malti bħali,
Min jaf għala lili ħraqt?
Malta kollha mtliet bil-għali
teżor ieħor 'il din l-art sraqt.

X'qatt għammiltlek, rajtni żejda?
Tħossok issa iktar ferħan?
Taħseb li xogħlok kien ta' fejda,
Taħseb li se ssib serħan?

Ispirata minn *Oda al Algarrobo Muerto*
ta' Pablo Neruda



Iż-żnuber tal-Imġiebaħ f'Jannar 2010
– Ħajr Kunsill Lokali Mellieħa



Iż-żnuber tal-Imġiebaħ fis-sena 2000, għaxar snin qabel
il-qerda tagħha minn nies mhux magħrufa.

**Fil-gżejjer Maltin insibu mill-inqas ħames speċi ta' siġar tal-ġeneru *Pinus*. L-iktar waħda komuni hi ż-żnuber, *Pinus halepensis*. Skont l-espert botaniku, Edwin Lanfranco, iż-żnuber tal-Imġiebaħ, li tagħha qed nuru r-ritratti f'paġna 104, kienet l-unika siġra mill-imsaġar qodma ta' żnuber li kienu jiksu lil Malta ferm qabel ma ġew il-Kavallieri, u li nqerdu kollha matul iż-żminijiet. Ħafna miż-żnuber l-oħrajn li nsibu Malta llum ġew imħawla jew mill-Kavallieri (eżempju Il-Buskett) jew mill-Ingliżi (eżempju Pembroke).**






## Monument lill-Balluta f'Oviedo Spanja

Hawnhekk qed nuru l-plakka kommemorattiva li l-Belt ta' Oviedo waqqfet sabiex tfakkar il-qerda tal-balluta kbira Carbayon, simbolu tal-belt.

**Il-kliem jgħid:**

Hawnhekk kienet tikber għal sekli sħaħ il-Carbayon, siġra simbolika tal-Belt, u li twaqqgħet fit-tieni ta' Ottubru tal-1879. Il-kunsill lokali tal-Belt iddeċieda li nhar l-24 ta' Marzu tal-1949 iqiegħed din il-plakka bħala tifkira dejjiema ta' din is-siġra.

**Min jaf kieku ssir xi ħaġa simili għaż-żnuber tal-Imġiebaħ?**


# MANUEL'S GARAGE Co. Ltd.

3, Misraħ iż-Żjara tal-Papa, Il-Mellieħa, Malta

Tel: **(+356) 21523472**
Mob: **(+356) 99493462**
Fax: **(+356) 21523600**
email: **manuelscarhire@hotmail.com**
Website: **www.manuelscarhire.com**



- ***TAXI & MINIBUSES***
- ***GENERAL CAR HIRE***
- ***APARTMENT (SHORT & LONG LETS)***
- ***FLATS FOR SALE***

Taxi nos.: OGY 888 & BVY 011